MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 1247/2012

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**vs**

**Joseph Francis Scerri**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' HSBC Bank Malta plc ikkonfermat bil-gurament mill-P.L. Catherine Fenech, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Hi tokkupa hatra ta' ufficcjal tal-bank attur fl-ufficcju legali tal-istess Bank u ghalhekk dawn il-fatti li hi sejra tistqarr hi tafhom jew personalment jew inkella minn dokumenti tal-istess bank li hi ghandha access ghalihom. Hi tiddikjara wkoll li hi awtorizzata mill-imsemmi Bank sabiex taghmel din id-dikjarazzjoni ghan-nom tieghu.

## L-Oggett tal-Kawza

Din il-kawza qieghda ssir sabiex jigi irkuprat kreditu iktar 'l isfel spjegat illi l-Bank attur ghandu kontra l-konvenut Joseph Scerri.

Il-kreditu jirrizulta minn zewg skritturi ta' self maghmulin mal-konvenut ghall-ammonti hawn taht indikati.

In forza ta' skrittura ta' self minghajr data hawn esebita u mmarkata bhala dokument "A", il-konvenut Joseph Scerri kien accetta b'titolu ta' self, is-somma ta' tnejn u tletin elf, mija u disghin Ewro (€32,190) li kellha tithallas skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet fiha kontenuti.

In forza ta' skrittura ta' self tad-19 ta' Gunju 2012, hawn esebita u mmarkata bhala dokument "B", il-konvenut Joseph Scerri kien accetta b'titolu ta' self, is-somma ta' erbat elef, tmien mija u tlettax-il Ewro (€4,813) li kellha tithallas skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet fiha kontenuti.

## Ir-Raguni ghat-Talba

It-talbiet infraskritti qeghdin isiru ghaliex id-debiti hawn fuq riferiti flimkien mal-imghax dekors fuqhom baqa' ma thallasx lanqas in parte. Ghalhekk, l-istess bank attur ghandu interess jazzjona lill-konvenut ghall-hlas tal-istess.

L-ammonti dovuti llum huma dawn: is-somma ta' tnejn u tletin elf, mija u disghin Ewro (€32,190) flimkien mal-imghax li ddekorra fuqha mit-22 ta' Mejju 2012 minn meta inghata s-self sas-17 t'Ottubru 2012 ammontanti ghal elf u tmienja u hamsin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,058.69); kif ukoll is-somma ta' erbat elef, tmien mija u tlettax-il Ewro (€4,813) flimkien mal-imghax li ddekorra fuqha mit-22 ta' Gunju 2012 minn meta nghata s-self sas-17 t'Ottubru 2012 ammontanti ghal mija u hamsa u ghoxrin Ewro u erbatax-il centezmu (€125.14).

Ghalhekk, l-ammont dovut globalment fuq l-ewwel skrittura Dok. A huwa ta' tlieta u tletin elf, mitejn u tmienja u erbghin Ewro u disgha u sittin centezmu (€33,248.69);

filwaqt illi l-ammont globalment dovut fuq it-tieni skrittura Dok. B huwa ta' erbat elef, disa' mija u tmienja u tletin Ewro u erbatax-il centezmu (€4,938.14); u dan kif ahjar spjegat fil-prospetti hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti C u D.

Dawn id-djun huma certi, likwidi u dovuti.

Sa fejn taf hi, l-esponenti tiddikjara illi ma tafx illi l-konvenut ghandu eccezzjoni x'jaghti ghat-talbiet infraskritti u ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi sabiex dawn it-talbiet tal-bank rikorrenti jigu decizi bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

**It-Talbiet**

Ghal dawn il-motivi, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex din prevja illi tghaddi ghas-sentenza bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Tikkanonizza lill-bank attur bhala kreditur tieghu fis-somom ta' tlieta' u tletin elf, mitejn u tmienja u erbghin Ewro u disgha u sittin centezmu (€33,248.69); u ta' erbat elef, disa' mija u tmienja u tletin Ewro u erbatax-il centezmu (€4,938.14);

Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas l-istess somom hekk kanonizzati lill-bank attur, bl-imghax ulterjuri mit-18 ta' Ottubru 2012 sal-effettiv hlas kif ukoll bl-ispejjez kontra l-istess konvenut li jibqa' ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma deherx fl-udjenza.

Semghet lix-xhud Prokuratur Legali Catherine Fenech tiddeponi.

Ikkunsidrat illi l-Bank rikorrenti f'din il-kawza rnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi illi t-talba tieghu hija gustifikata u jisthoqqilha tigi milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joseph Francis Scerri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------